TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 325/12/GB

**Robert u Sonia Aquilina**

**vs**

**Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct**

Illum 15 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf tliet mija u hamsin Ewro (€1,350.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu lis-socjeta' ntimata ghal 'air conditioner', liema 'air conditioner' kien iktar storbjuz milli suppost.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma xtraw 'air conditioner' ghall-kamra tas-sodda, minghand is-socjeta' ntimata, fejn huma kienu emfasizzaw li ma jkunx storbjuz. Meta gie nstallat l-'air conditioner', il-livell ta' storbju (decibles) fi velocita' baxxa kien ghola minn dak li hu specifikat fil-ktieb tal-istruzzjonijiet. Minn 40DB kif suppost skond il-ktieb, id-DB meter immarka 48DB (minn tekniku tas-socjeta' ntimata stess). Dan il-hoss huwa nsapportibbli, anke minn 3 metri 'l boghod, ghalhekk ir-rikorrenti ma jistawx jorqdu.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li dan l-'air conditioner' jigi maqlugh u rritornati l-flus kollha li huma hallsu.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti ghandhom il-kamra tas-sodda taghmel hafna rbumbjar. Fil-fatt, anke meta l-'air conditioner' ikun mitfi. Illi minhabba l-pozizzjoni tad-dar taghhom, il-kamra hija vicin toroq traffikuzi. Id-DB tal-kamra, meta gie mkejjel, kien 33DB. Issa, meta s-socjeta' ntimata kejjlet id-DB tal-unit, beda jvarja minn 39 ghal 47 DB. Skond kemm ikun qed jaqbad traffiku minn barra.

Ghaldaqstant, l-'air conditioner' qed jahdem perfettament. Suppost ikun 42DB imkejjel fis-silenzju.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew dokumenti li gew mmarkati bhala Dok.RSA1, flimikien ma' CD li fih jinstema' l-hoss li l-'air conditioner' qed jaghmel.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn iccarat illi l-'air conditioner' jitfa' 41DB u dan kull ma hemm differenza ta' 5DB. Liema differenza hija tal-hoss tal-kamra.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**